# Kreattività u ispirazzjoni f'wirja tal-fotografija

Minn KEVIN CASHA


"Here I am" – Witold Flak


"Portrait de l'Artiste" – Chiara Fersini




WARA s-suċċess tas-sena l-oħra, meta kellna il-foto-ġurnalist Lorenzo di Pietro fostna, il-Malta Institute of Professional Photography, (MIPP), din is-sena rnexxielha tistieden f'Malta żewġ fotografi internazzjonali biex jieħdu sehem f'seminar kif ukoll f'wirja ta' fotografija. Dawn il-fotografi partikolari kienu Chiara Fersini, mill-Italja, flimkien ma Witold Flak mill-Polonja.

Dan l-avveniment kien parti miċ-ċelebrazzjonijiet biex jikkommemoraw il-World Photography Day. X'rigal aħjar tista' tagħti lill-fotografi lokali milli din l-opportunità biex jiltaqgħu u jaraw ix-xogħol ta' żewġ fotografi tassew impressjonanti?

Il-wirja, li qiegħda tittella' fil-Cavalieri Hotel, San Ġiljan, bl-isem ta' "Insight".

Chiara Fersini (www.himitsuhana.com) għanda Degree fl-Ingliż u l-Ġappuniż. Fl-arti tagħha, hi tipprova tiskopri u turi r-relazzjoni bejn il-fotografija u l-arti, u tieħu ħafna ispirazzjoni mingħand pitturi u artisti li ħadmu qabilha.

Il-fotografija tagħha hija taħlita ta' kreattività, teknika kif ukoll poeżija. Ix-xogħol ta' Chiara huwa ferm sorprendenti meta wieħed iqis l-età żgħira ta' 26 sena li din il-fotografa għandha. Mhux biss it-teknika hija ta' livell għoli, imma l-kontenut tar-ritratti tagħha jispirak biex tfittex u timmedita fuq il-messaġġ profond tagħhom. Meta wieħed jifhem li Chiara timmudella hija stess fix-xogħol tagħha, wieħed ma jistax ma jkunx aktar immeraviljat bil-kapaċità ta' din l-artista żagħżugħa.

Fir-ritratt tagħha, "Gravity is a lie", Chiara toħloq effett surrealistiku li jfakkrek mhux ftit fil-pittur famus Salvador Dalì. Ix-xogħlijiet tagħha kollha jibdew minn proċess ta' immaġinazzjoni, teknika superjuri kif ukoll kreattività u kapaċità waqt l-'editing' tar-ritratti. Chiara taf tuża d-dawl b'sempliċità imma b'effett tajjeb ħafna.

Fir-ritratt "L'audition", Chiara toħloq sens ta' misteru billi taħbi l-wiċċ tal-figuri kollha u tikxef biss wiċċ wieħed. L-espressjoni melankonika tidher li qiegħda tagħtina ħjiel tal-isforz li l-"mudella" qiegħda tagħmel biex timpressjona lil xi ġurija.

Il-kuluri ta' dan ir-ritratt jaqbel perfettament mal-armonija u s-sens tal-ħolm li jnissel fina "l'audition".

"Portrait de l'Artiste" joħodna fuq vjaġġ fantastiku fl-arti klassika. Id-dawl li dieħel mittieqa jixgħel b'mod impressjonanti l-wiċċ tal-mudella rifless fil-mera.

L-effett tal-'chiaroscuro', il-poża delikata u l-għażla tal-ambjent juru l-kapaċità u l-immaġinazzjoni ta' Chiara. "Teli e Toiletta" hu xogħol ieħor li jqanqalna bl-istess mod bħar-ritratt "Portrait de l'Artiste."

Dawn ix-xogħlijiet ifakkruna mhux ftit fl-arti ta' Caravaggio, li Chiara ovvjament tammira.

Meta wieħed jixtarr ix-xogħol ta' Chiara, wieħed ma jistax ma jkunx attratt u immeraviljat b'kull ritratt f'din il-wirja. Chiara jirnexxielha tieħu l-ispirazzjoni minn artisti kbar u flimkien mal-kapaċità kreattiva tagħha, teħodna fuq vjaġġ ta' riflessjoni, misteru u skoperta.

B'kuntrast totali mal-mod klassiku u studjat ta' Fersini, ix-xogħol ta' Witold Flak (www.flak.pl) huwa sorprendenti fis-sempliċità u naturalezza tiegħu.

Ir-ritratti kollha tiegħu f'din il-wirja huma monokromatiċi, miġbudin fuq film u stampati fuq karta tradizzjonali fotografika.

Meta wieħed jifli sew ix-xogħol ta' Witold, jinduna li dan hu artist li jara affarijiet li ħafna minna ma nindunawx bihom. Is-sena li għandu biex joħroġ emozzjoni jew juri l-ħajja ta' persuna turi li l-artist huwa sensittiv għal dak kollu li qed jiġri madwaru u kapaċi jaqbad l-essenzjal tal-eżistenza tal-bniedem.

Flak iħobb jaħdem man-nies u r-ritratti tiegħu fil-maġġoranza tagħhom, jinkludu l-umanità. Ir-ritratti tiegħu jindikaw sens ta' ottimismu kif ukoll imħabba lejn il-proxxmu u l-ħajja.

Witold jipprova jaqbad il-ħajja ta' kuljum b'mod naturali u mingħajr ma jipprova jibdel l-istorja jew il-mument.

Il-mod kif Witold iħares lejn il-fotografija huwa mezz sabiħ ta' kif wieħed juri l-apprezzament tal-ħajja u tan-nies ta' madwaru. Is-suġġetti tiegħu dejjem jidhru li qegħdin jafdaw il-fotografu u li huma l-ħbieb ġenwini tiegħu. Fil-maġġoranza tagħhom, jidhru komdi ħafna bil-mod kif Flak qiegħed joħdilhom ir-ritratt. Dan jindika li l-fotografu rnexxielu jidħol fil-kunfidenza tagħhom u li mhux xi barrani iżda qarib ġenwin.

"Reflection" u "Thought" juru dan kollu b'mod ċar.

Naħseb ukoll li Witold jibbrilla meta jkun qed jaħdem mas-sess feminili. Kulħadd jaf li dan huwa suġġett attraenti iżda diffiċli. Hawnhekk, Witold juri biċ-ċar ir-rispett u l-imħabba li għandu għal dan is-suġġett u jirnexxilu joħroġ is-sbuħija u l-misteru tas-sess femminili bl-akbar rispett u reverenza.

"Here I am" u "White and Black" huma tnejn mix-xogħlijiet li jispikkaw fil-wirja tiegħu.

Fir-ritratt "Side by side", Witold jaqbad l-espressjoni misterjuża fil-wiċċ tas-suġġett tiegħu. Il-ftit movement iżid l-effett u l-mistoqsijiet li dan ir-ritratt iqanqal. Hawnhekk, Flak jurina li għalih l-aktar ħaġa importanti fix-xogħol tiegħu huwa l-emozzjoni u l-messaġġ u mhux it-teknika.

Wieħed iħoss dan fir-ritratt "Unknown-Well Known" ukoll fejn l-għażla li ma jurix il-wiċċ tas-suġġett mistur toħloq fina interress biex inkunu nafu aktar u aktar fuq l-ambigwità ta' dan is-suġġett.

"Look" huwa eżempju ċar ieħor fejn anqas huwa ħafna drabi aħjar.

Il-mod intelliġent kif Flak ikkompona dan ir-ritratt ikebbes aktar l-immaġinazzjoni ta' dawk li jarawh. Il-mod naturali u minimalistiku li juża Flak, fir-ritratti tiegħu, juri l-qawwa li ritratt jista' jkollu sew fl-istorja kif ukoll fil-mod li jiddokumenta l-ħajja tal-bniedem.

L-MIPP tixtieq trodd il-ħajr lid-diretturi tal-Lukanda Cavalieri għax mingħajr l-għajnuna tagħhom din il-wirja ma kinitx tkun possibbli.

Il-wirja se tibqa' miftuħa sal-aħħar ta' Settembru.

## Irbaħ ikla għal żewġ persuni fil-Lukanda Cavalieri

**Il-Lukanda Cavalieri flimkien ma' l-orizzont qegħdin joffru ikla ghal żewġ persuni fil-Lukanda Cavalieri f'San Ġiljan għal min jirrispondi tajjeb il-mistoqsija li ġejja u jibgħatha fuq Kompetizzjoni Arti, Union Print, Qasam Industrijali, Marsa, MRS 3000.**
**Ir-rebbieħ tal-aħħar kompetizzjoni hu:**
**DUNCAN PSAILA, 275, Desmond, Triq Sammut, Ħal Tarxien, TXN 1054**

**Kemm għandha żmien l-artista u fotografa Chiara Fersini?**

**TWEĠIBA:** ____________________

**ISEM:** ____________________

**INDIRIZZ:** ____________________

____________________

____________________

CAVALIERI HOTEL


Baco Noir Lounge